# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum, 8 ta' Frar, 2002.**

**Appell Nru 206/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Domenic Fava**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Domenic Fava talli f'dawn il-Gzejjer, fil-15 ta' Ottubru, 1999 u fil-jiem ta' qabel, f'Bormla u fi bnadi ohra f'Malta, f'hinijiet differenti (**1**) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101; u (**2**) biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Novembru, 2001 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Domenic Fava hati skond l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu sitt xhur prigunerija u multa ta' mitejn lira (Lm200); l-ewwel qorti inoltre ordnat id-distruzzjoni tad-droga ezibita a kura tar-Registratur;

Rat ir-rikors ta' appell tal-imsemmi Domenic Fava, minnu ppresentat fil-15 ta' Novembru, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-4 ta' Frar, 2002; ikkunsidrat:

L-appellant, bazikament, jikkontendi li huwa ma kellux jinstab hati tar-reat ta' traffikar ghax kullma kien hemm kienet l-intenzjoni tieghu li jitraffika, u ma kien hemm ebda bidu tal-ezekuzzjoni tar-reat ta' traffikar. Dana l-aggravju jirrazenta l-fieragh. Mill-istqarrija ta' l-istess appellant – liema stqarrija ma giet b'ebda mod kontestata ghal dik li hi volontarjeta` jew il-veracita` tal-kontenut

taghha – jirrizulta car li l-appellant kien iltaqa' ma' zewg zghazagh ohra u offrielhom il-*cannabis* li kellu, izda dawn ma ridux jixtru. Skond l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101, li wiehed joffri li jipprovdi d-droga – u li wiehed joffri li jbiegh minn dak li jkollu fuqu jammonta ghal offerta ta' provvista – <u>jammonta ghal traffikar f'dik id-droga</u>. U dan apparti li t-tentattiv ta' bejgh ta' droga, li f'dan il-kaz certament kien hemm, hu punibbli daqs li kieku r-reat gie kkunsmat – ara l-Artikolu 22(5) tal-Kap. 101. Ghalhekk l-ewwel qorti korrettement sabet htija anke fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Tordna komunika immedjata tas-sentenza lir-Registratur sabiex jigi ezegwit l-ordni ta' distruzzjoni tad-droga moghti mill-ewwel qorti, liema ordni qieghed jigi wkoll konfermat

Aldo Testone
Dep. Registratur